Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Novembru 2015**
**(OR. en)**

**13880/15**

**JAI 842**
**ASIM 143**
**FRONT 240**
**RELEX 902**
**COMIX 563**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 13799/15 JAI 831 ASIM 140 FRONT 239 RELEX 893 COMIX 552 |
| Suġġett: | Miżuri biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 ta' Novembru 2015) |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar miżuri biex tiġi indirizzata l-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni, adottati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3422 laqgħa tiegħu li saret fid-9 ta' Novembru 2015.

**ANNESS**

## KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
## MIŻURI BIEX TIĠI INDIRIZZATA L-KRIŻI TAR-REFUĠJATI U L-MIGRAZZJONI

Il-Kunsill, f'kooperazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni, b'kont meħud tan-neċessità li jiġi salvagwardjat il-funzjonament taż-żona Schengen u li jitnaqqsu l-pressjonijiet migratorji, qabel dwar il-miżuri li ġejjin sabiex jiġu implimentati bis-sħiħ l-orjentazzjonijiet diġà miftiehma mill-Kunsill Ewropew u l-Kunsill f'konformità mal-*acquis*tal-UE. Iddeċieda:

1. li jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi rilevanti biex jintensifikaw l-isforzi li għaddejjin biex iżidu sostanzjalment il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, li għalihom il-Kunsill jilqa' l-identifikazzjoni rapida mill-Kummissjoni ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-pajjiżi affettwati u għall-UNHCR;

2. li l-istabbiliment ta' hotspots fl-Italja u l-Greċja ser jiġu intensifikati, bl-appoġġ tal-Istati Membri, il-Kummissjoni, Frontex u l-EASO, sabiex dawn kollha jkunu jiffunzjonaw sal-aħħar ta' Novembru 2015 kif maqbul preċedentement;

3. li l-Istati Membri parteċipanti kollha ser iħaffu l-proċess ta' rilokazzjoni, b'mod partikolari billi jikkomunikaw il-kapaċitajiet tagħhom għall-ewwel rilokazzjonijiet u billi jaħtru, skont kif ikun adatt, uffiċjali ta' kollegament dwar ir-rilokazzjoni għall-Italja u l-Greċja, preferibbilment sas-16 ta' Novembru 2015. B'mod parallel, l-Italja u l-Greċja ser iħaffu sostanzjalment il-passi preparatorji neċessarji għar-rilokazzjoni. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jappoġġaw lill-Italja u l-Greċja fid-deċiżjonijiet tagħhom li jirreġistraw il-migranti qabel it-trattament ulterjuri tal-każ tagħhom fuq l-art kontinentali, b'mod partikolari b'apparat Eurodac ipprovdut mill-Istati Membri. L-Istati Membri jagħmlu ħilithom sabiex jimtlew il-lakuni li fadal sas-16 ta' Novembru 2015, fis-sejħiet għal kontributi minn Frontex u l-EASO, li ser jissimplifika l-profili meħtieġa u l-proċeduri tal-ħatra;

4. li l-Istati Membri, bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni u Frontex, ser itejbu sostanzjalment ir-rata ta' ritorn. L-Istati Membri għandhom ukoll jipprovdu esperti dwar ir-ritorn għall-Grupp ta' Esperti ta' Uffiċjali ta' Kollegament Ewropew dwar ir-Ritorn għal skjerament rapidu;

5. li l-Istati Membri, biex jingħeleb in-nuqqas potenzjali ta' kooperazzjoni min-naħa tal-migranti meta jaslu fl-Unjoni Ewropea u filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' non-refoulement, ser jagħmlu użu mill-possibbiltajiet kollha previsti fl-*acquis* tal-UE, bħal (1) proċeduri tal-asil fuq il-fruntieri jew fiż-żoni ta' transitu; (2) proċeduri aċċellerati; (3) nonammissibbiltà ta' applikazzjonijiet sussegwenti għall-asil mill-individwi kkonċernati; (4) miżuri ta' koerċizzjoni, inkluż, bħala l-aħħar alternattiva, detenzjoni għal perijodu massimu li tkun meħtieġa għat-tlestija tal-proċeduri sottostanti; Apparti l-linji gwida eżistenti dwar it-teħid sistematiku tal-marki tas-swaba', il-Kummissjoni hija mistiedna biex, f'kooperazzjoni mal-EASO u Frontex, tipprovdi aktar gwida prattika dwar il-konsegwenzi tal-obbligi ta' reġistrazzjoni fid-dawl tar-regoli ta' Dublin, id-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni u l-obbligi internazzjonali ta' riammissjoni.

   Barra minn hekk, il-Kunsill jaqbel li jesplora l-kunċett ta' ċentri tal-ipproċessar f'pajjiżi fejn l-approċċ hotspot ma ġiex implimentat, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE, sabiex jorganizzaw l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u/jew għal skopijiet ta' ritorn;

6. li jappoġġa bis-sħiħ lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-ippjanar ta' kontinġenza ta' għajnuna umanitarja għall-Balkani tal-Punent, fid-dawl tal-fatt li qed toqrob ix-xitwa. Il-mekkaniżmu tal-Unjoni għall-protezzjoni ċivili għandu jintuża kemm jista' jkun possibbli. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar assistenza permezz ta' dan il-mekkaniżmu;

7. fir-rigward tal-kontrolli tad-dħul u l-ħruġ fil-fruntieri esterni, li jassisti lill-Istati Membri kkonċernati biex jirrispettaw l-obbligi ġuridiċi tagħhom biex iwettqu kontrolli adegwati, biex jimmaniġġjaw u biex jiksbu mill-ġdid il-kontrolli tal-fruntieri esterni u jżidu l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri. Dan ser jinvolvi firxa ta' miżuri ta' appoġġ minn Frontex, li ser jiġu estiżi b'mod gradwali, skont kif ikun neċessarju, għall-iskjerament ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (RABITs) f'konformità mar-regoli tal-UE;

8. li jappoġġa t-tkabbir sal-1 ta' Diċembru 2015 tal-Operazzjoni Konġunta Marittima *Poseidon* fil-Greċja skont il-pjan operazzjonali attwali;

9. li jwettqu fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ta' Diċembru, abbażi tat-8 rapportar biannwali mill-Kummissjoni, dibattitu approfondit dwar il-funzjonament taż-żona Schengen (1 ta' Mejju 2015 - 31 ta' Ottubru 2015) u dwar il-lezzjonijiet meħuda mir-riintroduzzjonijiet temporanji tal-kontrolli fil-fruntieri interni;

10. li jistieden lill-Europol biex jaċċellera t-twaqqif taċ-*Ċentru Ewropew kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti* (EMSC) biex tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu ta' appoġġ għall-Istati Membri biex jipprevjenu u jiġġieldu aħjar kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. L-EMSC ser jinkludi l-inizjattiva tat-Tim Operattiv Konġunt (TOK) *Mare* u ser jestendi aktar l-azzjonijiet tal-Europol, inkluż b'enfasi fuq iż-żona tal-Balkani tal-Punent, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji rilevanti kollha tal-UE, u b'mod partikolari ma' Frontex u l-Eurojust. Komponent ta' dan l-approċċ għandu jkun l-iskjerament rapidu u effettiv ta' uffiċjali fil-hotspots fuq rotot migratorji ewlenin;

11. li jistieden lill-Istati Membri biex, f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni, jistabbilixxu, sal-1 ta' Diċembru 2015, netwerk ta' punti ta' kuntatt uniku rigward il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, kif stipulat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti 2015-2020, filwaqt li jżidu l-isforzi tagħhom biex jintensifikaw l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tat-traffikanti u ta' dawk li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' migranti;

12. li jkompli jeżamina l-proposti leġislattivi pendenti dwar mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi u dwar pajjiżi ta' oriġini bla periklu kif diġà ppjanati, kif ukoll dwar azzjonijiet oħra ta' prijorità bħall-adattament tas-sistema ta' Dublin u dwar l-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni;

13. li jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jagħmlu pressjoni biex jinkisbu riżultati prattiċi dwar ir-ritorn u r-riammissjoni fid-djalogi bilaterali tagħhom, b'mod partikolari matul il-laqgħat ta' livell għoli li jmiss mal-Afganistan, il-Marokk, in-Niġerja, il-Pakistan, it-Tuneżija u t-Turkija. Sal-laqgħa tiegħu li jmiss fit-3-4 ta' Diċembru, il-Kunsill jistenna l-ewwel rapport ta' progress dwar dawn id-djalogi. Dan għandu jippermetti skambju ta' fehmiet dwar il-pakketti ta' inċentiv xierqa biex jintużaw *vis-à-vis* pajjiżi terzi;

14. li l-ewwel Uffiċjali ta' Kollegament Ewropej dwar il-Migrazzjoni (EMLOs) għandhom jiġu skjerati bħala kwistjoni ta' prijorità fl-Etjopja, in-Niġer, il-Pakistan u s-Serbja sal-aħħar ta' Jannar 2016;

15. li tiġi mtennija l-importanza ta’ attivitajiet ta’ risistemazzjoni mill-Istati Membri biex jindirizzaw il-kriżi tal-migrazzjoni, waqt li jiġi nnotat il-progress li sar s'issa inkluż fil-livell tal-UE. Il-Kunsill jaqbel li għandhom isiru aktar sforzi biex jitjiebu l-opportunitajiet ta’ risistemazzjoni b’enfasi fuq ċerti pajjiżi terzi ta’ prijorità. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bil-ħidma tagħha dwar ir-risistemazzjoni bħala kwistjoni ta’ prijorità;

16. sabiex jiġu żgurati passi konkreti dwar il-kontroll tal-fruntieri, dwar il-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u l-ġlieda kontra t-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, biex tappoġġa l-aċċellerazzjoni tat-twettiq tal-pjan direzzjonali dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mat-Turkija lejn l-Istati Membri parteċipanti kollha u l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim dwar ir-riammissjoni, fil-kuntest tal-kooperazzjoni msaħħa prevista fil-pjan ta’ azzjoni;

17. li tiġi definita, bħala kwistjoni ta’ urġenza, sistema komuni ta’ strateġija ta’ informazzjoni indirizzata lil dawk li jfittxu l-asil, il-migranti, il-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikanti bil-għan li (1) tiskoraġġixxi lill-migranti milli jimbarkaw fuq vjaġġi perikolużi u milli jirrikorru għal faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti, (2) tispjega kif ir-regoli tal-UE dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-protezzjoni internazzjonali, inkluż ir-risistemazzjoni u r-rilokazzjoni u r-ritorn, (3) ixxerred kontronarrativi għal dawk li jkunu qegħdin jintużaw mit-traffikanti u l-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti, (4) tipprovdi informazzjoni dwar prosekuzzjonijiet kriminali kontra t-traffikanti u l-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti u (5) tipprovdi informazzjoni dwar operazzjonijiet ta’ ritorn. Bħala parti minn strateġija ta' informazzjoni bil-għan li jitnaqqsu l-fatturi ta' attrazzjoni għandu jiġi spjegat b'mod ċar li l-migranti għandhom jirreġistraw fl-ewwel Stat Membru li jaslu fih; li skont il-liġi tal-UE, dawk li jfittxu l-asil ma għandhomx id-dritt li jagħżlu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tagħhom; u li l-migranti mhux fil-bżonn ta' protezzjoni jiġu rritornati malajr. Barra minn hekk, għandu jingħata messaġġ ċar li l-migranti ma jistgħux jirrifjutaw li jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Minn issa ‘l quddiem, l-Istati Membri kollha ser jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jisiltu l-konsegwenzi ta’ tali movimenti u nuqqas ta’ kooperazzjoni. Il-Kummissjoni ser tiġbor flimkien fil-jiem li ġejjin tim iddedikat mill-atturi istituzzjonali rilevanti kollha biex jinkisbu dawn l-għanijiet u ser tinforma dwar l-implimentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill fit-3-4 ta’ Diċembru 2015;

18. li jappoġġa d-deċiżjoni tal-Presidenza li ssaħħaħ l-attivazzjoni tar-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) minn kondiviżjoni ta' informazzjoni għal modalità ta' attivazzjoni sħiħa inkluż billi jagħti informazzjoni biex jikkontribwixxi għall-proċess tal-ISAA, billi jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet operazzjonali u billi jappoġġa attivitajiet ta' komunikazzjoni, u b'hekk itejjeb il-koordinazzjoni politika u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE; F'dan il-qafas, abbażi tal-ħtiġijiet u nuqqasijiet identifikati fir-rapporti tal-ISAA, ser jiġu organizzati regolarment laqgħat madwar mejda tonda għall-ġestjoni tal-kriżi tal-migrazzjoni, li jiġbru flimkien għarfien espert xieraq sabiex ikun hemm koordinazzjoni ta' politika fil-ħin u rispons fuq il-livell tal-UE, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri interkonnessi dwar il-fruntieri, kapaċitajiet ta' akkoljenza, hotspots u ritorn, dwar ir-riżorsi finanzjarji u umani mwiegħda u dwar prijoritajiet loġistiċi u operazzjonali.